



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0310/2018**

10.10.2018

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008 (COM(2018)0149– C8-0126/2018– 2018/0074(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Alain Cadec

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	53
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	56
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	57



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008 (COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0149),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0126/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' April 2018<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0310/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal regolament  
Titolu**

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

*Test propost mill-Kummissjoni*

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet ***tal-ħut*** fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-objettivi tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli għat-terminu twil ta' żmien, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4a (ġdida)**

*Emenda*

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

- li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet ***demersali*** fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008

*Emenda*

(4) L-objettivi tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli għat-terminu twil ta' żmien ***u jkunu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet ta' ġenerazzjoni ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, li titnaqqas id-dipendenza tas-suq tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-ikel, li jiġi promoss il-ħolqien dirett u indirett ta' impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni kostali***, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

**(4a) Skont il-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta bejn il-baċiri tal-baħar, għandu jkun hemm qafas uniformi fil-pjanijiet pluriennali kollha u l-ebda deroga speċifika għall-baċiri tal-baħar fir-rigward tal-prinċipji għall-iffissar tal-kwoti.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Li jitħallew deroga f'dan il-pjan mill-obbligu legali li l-istokkijiet jiġu ripristinati u jinżammu 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu MSY qabel l-2020 u li jmorru lil hinn mill-firxiet ta' FMSY maqbula f'MAPs preċedenti mhux biss ifisser li jkunu qed jiddilwixxu l-PKS u jagħmlu ħsara lill-istokkijiet tal-ħut iżda wkoll ikun inġust għas-sajjieda fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana li huma obbligati li jibqgħu fi ħdan il-qafas miftiehem mingħajr eżenzjonijiet.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

*Emenda*

(5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd **f'konformità mal-aqwa parir xjentifiku disponibbli.**

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi espressament l-għan li jiġu ripristinati u jinżammu popolazzjonijiet ta' speċijiet li jinstadu 'l**

*fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li l-istokkijiet kollha, jekk jista' jkun sal-2015 iżda mhux aktar tard mill-2020, jenħtieġ li gradwalment jilhqg l-livell tar-rata tal-qbid li jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali jridu jkunu bbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li dan il-pjan ikun fih l-għanijiet, il-miri kwantifikabbli bi skedi ta' żmien ċari, punti ta' referenza għall-konservazzjoni, salvagwardji u miżuri tekniċi maħsubin biex jevitaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali.

#### *Emenda*

(6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali jridu jkunu bbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li dan il-pjan ikun fih l-għanijiet, il-miri kwantifikabbli bi skedi ta' żmien ċari, punti ta' referenza għall-konservazzjoni, salvagwardji u miżuri tekniċi maħsubin biex jevitaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali, **biex jiġi minimizzat l-impatt fuq l-ambjent marittimu, b'mod partikolari d-disturb tal-habitat u ta' qiegħ il-baħar, kif ukoll biex jinkisbu l-oġettivi soċjali u ekonomiċi.**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan pluriennali. Biex tagħmel dan trid tikkonkludi Memorandi ta' Qbil mal Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni

#### *Emenda*

(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan pluriennali. Biex tagħmel dan, trid tikkonkludi **b'mod partikolari** Memorandi ta' Qbil mal Kunsill Internazzjonali għall-



tal-Baħar (ICES). Il-parir xjentifiku li jinħareġ mill-ICES **jeħtieġ** li jkun ibbażat fuq dan il-pjan pluriennali u li jindika, b'mod partikolari, il-meded tal-F<sub>MSY</sub> u tal-punti ta' referenza tal-bijomassa, jiġifieri ***l-B<sub>trigger</sub>*** u ***l-B<sub>lim</sub>***. **Jeħtieġ** li dawk il-valuri jkunu indikati fil-parir rilevanti għal kull stokk u, meta jkun jixraq, f'kull parir xjentifiku ieħor li jkun disponibbli għall-pubbliku, pereżempju anki fil-pariri dwar is-sajd imħallat li joħroġ l-ICES.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004<sup>18</sup>, (KE) Nru 2166/2005<sup>19</sup>, (KE) Nru 388/2006<sup>20</sup>, (KE) Nru 509/2007<sup>21</sup>, (KE) Nru 1300/2008<sup>22</sup> u (KE) Nru 1342/2008<sup>23</sup> jistipulaw ir-regoli għall-isfruttament tal-istokk tal-merluzz fit-Tramuntana, tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-iskampu fil-Baħar ta' Cantabria u qrib in-naħa tal-Punent tal-Peniżola Iberika, tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja, tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-aringi fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja u tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja tal-Baħar tat-Tramuntana, u fil-Baħar Irlandiż. Dawn u stokkijiet ta' ħut demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jqis dawn l-interazzjonijiet tekniċi.

---

<sup>18</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1)

<sup>19</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li

Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-parir xjentifiku li jinħareġ mill-ICES **jenħtieġ** li jkun ibbażat fuq dan il-pjan pluriennali u li jindika, b'mod partikolari, il-meded tal-F<sub>MSY</sub> u tal-punti ta' referenza tal-bijomassa, jiġifieri ***l-MSY B<sub>trigger</sub>*** u ***l-B<sub>lim</sub>***. **Jenħtieġ** li dawk il-valuri jkunu indikati fil-parir rilevanti għal kull stokk u, meta jkun jixraq, f'kull parir xjentifiku ieħor li jkun disponibbli għall-pubbliku, pereżempju anki fil-pariri dwar is-sajd imħallat ***u/jew ta' speċijiet multipli*** li joħroġ l-ICES.

#### *Emenda*

(9) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004<sup>18</sup>, (KE) Nru 2166/2005<sup>19</sup>, (KE) Nru 388/2006<sup>20</sup>, (KE) Nru 509/2007<sup>21</sup>, (KE) Nru 1300/2008<sup>22</sup> u (KE) Nru 1342/2008<sup>23</sup> jistipulaw ir-regoli għall-isfruttament tal-istokk tal-merluzz fit-Tramuntana, tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-iskampu fil-Baħar ta' Cantabria u qrib in-naħa tal-Punent tal-Peniżola Iberika, tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja, tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-aringi fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja u tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja tal-Baħar tat-Tramuntana, u fil-Baħar Irlandiż. Dawn u stokkijiet ta' ħut demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat ***u/jew ta' speċijiet multipli***. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jqis dawn l-interazzjonijiet tekniċi.

---

<sup>18</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1)

<sup>19</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li

jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċijiet żgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5)

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1)

<sup>21</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7)

<sup>22</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6)

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċijiet *żgħar* ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5)

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1)

<sup>21</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7)

<sup>22</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6)

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Xi stokkijiet tal-ħut demersali huma sfruttati kemm fl-Ilmijiet tal-Punent kif ukoll fl-ilmijiet tal-madwar. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-

#### *Emenda*

(11) Xi stokkijiet tal-ħut demersali huma sfruttati kemm fl-Ilmijiet tal-Punent kif ukoll fl-ilmijiet tal-madwar. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-

dispożizzjonijiet fil-pjan li għandhom rabta mal-miri u mas-salvagwardji għall-istokkijiet li prinċipalment jiġu sfruttati fl-Ilmijiet tal-Punent **jeħtieġ** li jiġi estiż saż-żoni 'l barra mill-Ilmijiet tal-Punent. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li jinsabu wkoll fl-Ilmijiet tal-Punent li jiġu sfruttati b'mod prinċipali barra mill-Ilmijiet tal-Punent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fil-pjanijiet pluriennali għaż-żoni fejn jiġu sfruttati dawk l-istokkijiet, 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta'dawk il-pjanijiet biex ikun jinkludi l-Ilmijiet tal-Punent.

dispożizzjonijiet fil-pjan li għandhom rabta mal-miri u mas-salvagwardji għall-istokkijiet **tal-ħut demersali** li prinċipalment jiġu sfruttati fl-Ilmijiet tal-Punent **jenħtieġ** li jiġi estiż saż-żoni **ta' dawn l-istokkijiet** 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, **dment li ma jaqgħux taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi**. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li jinsabu wkoll fl-Ilmijiet tal-Punent li jiġu sfruttati b'mod prinċipali barra mill-Ilmijiet tal-Punent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fil-pjanijiet pluriennali għaż-żoni fejn jiġu sfruttati dawk l-istokkijiet **tal-ħut demersali**, 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta'dawk il-pjanijiet biex ikun jinkludi l-Ilmijiet tal-Punent.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) Il-pjan ta' ġestjoni jenħtieġ li ma jillimitax ruħu li jikkunsidra mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fuq medda qasira ta' żmien, ħaġa li tiġġenera inċertezza u nuqqas ta' trasparenza għas-settur.**

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) L-ambitu ġeografiku tal-pjan pluriennali **jeħtieġ** li jkun ibbażat fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet indikati fil-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet l-aktar riċenti li jingħata mill-ICES. Jistgħu jkunu meħtieġa xi bidliet fid-

(12) L-ambitu ġeografiku tal-pjan pluriennali **jenħtieġ** li jkun ibbażat fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet indikati fil-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet **tal-ħut demersali** l-aktar riċenti li jingħata mill-ICES. Jistgħu jkunu

distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali, jew għax ikun hemm informazzjoni xjentifika aħjar, jew minħabba l-migrazzjoni tal-istokkijiet. Għalhekk, **jeħtieġ** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati li jaġġustaw id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali jekk il-parir xjentifiku tal-ICES ikun jindika bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet rilevanti.

meħtieġa xi bidliet fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali, jew għax ikun hemm informazzjoni xjentifika aħjar, jew minħabba l-migrazzjoni tal-istokkijiet **tal-ħut demersali**. Għalhekk, **jenħtieġ** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati li jaġġustaw id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali jekk il-parir xjentifiku tal-ICES, **jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali**, ikun jindika bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet rilevanti.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) L-għan ta' dan il-pjan **irid ikun** li jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod partikolari, li **jintlaħaq u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) f'dawk l-istokkijiet**, li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet tal-**ħut demersali** soġġett għal-limiti ta' qbid, li jiġi promoss livell ta' għajxien diċenti għan-nies li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, u ma jintnesewx l-aspetti soċjoekonomiċi u s-sajd kostali. **Irid** ukoll jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. **Irid ikun** jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb sal-2020 (bi qbil mad-Direttiva 2008/56/KE) u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE u tad-Direttiva 92/43/KEE. Dan il-pjan **irid** ukoll jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward

#### *Emenda*

(14) L-għan ta' dan il-pjan **jenħtieġ li jkun** li jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod partikolari, li **jintlaħaq u jinżammu stokkijiet koperti b'dan ir-Regolament 'il fuq minn livelli li jistgħu jiproduċu r-rendiment massimu sostenibbli**, li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet tal-**ħut demersali** soġġett għal-limiti ta' qbid, li jiġi promoss livell ta' għajxien diċenti għan-nies li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, u ma jintnesewx l-aspetti soċjoekonomiċi u s-sajd kostali. **jenħtieġ** ukoll **li** jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. **Jenħtieġ li jkun** jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb sal-2020 (bi qbil mad-Direttiva 2008/56/KE) u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE u tad-Direttiva 92/43/KEE. Dan il-pjan **jenħtieġ** ukoll **li** jispeċifika d-dettalji tal-

tal-istokkijiet kollha ta' *dawk l-ispeċijiet* li *japplika* għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward tal-istokkijiet kollha ta' *speċijiet* li *jinstadu fis-sajd demersali u li* għalihom *japplika* l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Jixraq li tiġi stabbilita mira għall-mortalità mis-sajd (F) li taqbel mal-għan li jinkiseb u jinżamm rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-forma ta' meded ta' valuri li jkunu konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, huma meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed flessibilità biex ikun jista' jsir addattament skont l-iżviluppi fil-parir xjentifiku, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex tingħata wisa' għall-karatteristiki tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY *iridu* jiġu kkalkulati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), b'mod partikolari fil-parir tiegħu dwar il-qabdiet perjodiċi. Abbażi ta' dan il-pjan dawn il-meded jiġu dderivati biex ma jingħatax aktar minn 5 % tnaqqis fir-rendiment fuq żmien twil meta mqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY)<sup>24</sup>. L-ogħla medda għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas minn Blim ma tkunx ogħla minn 5 %. Dak l-ogħla limitu jikkonforma wkoll mar-regola rakkomandata tal-ICES li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza jkunu fi stat ħażin, il-mortalità mis-sajd (F) titnaqqas għal valur li ma jaqbiżx l-ogħla limitu li jkun ugwali għall-valur tal-punt

#### *Emenda*

(16) Jixraq li tiġi stabbilita mira għall-mortalità mis-sajd (F) li taqbel mal-għan li jinkiseb u jinżamm rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-forma ta' meded ta' valuri li jkunu konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, huma meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed flessibilità biex ikun jista' jsir addattament skont l-iżviluppi fil-parir xjentifiku, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex tingħata wisa' għall-karatteristiki tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY *jenħtieġ li* jiġu kkalkulati, *fost l-oħrajn*, b'mod partikolari mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), b'mod partikolari fil-parir tiegħu dwar il-qabdiet perjodiċi. Abbażi ta' dan il-pjan dawn il-meded jiġu dderivati biex ma jingħatax aktar minn 5 % tnaqqis fir-rendiment fuq żmien twil meta mqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY)<sup>24</sup>. L-ogħla medda għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas minn Blim ma tkunx ogħla minn 5 %. Dak l-ogħla limitu jikkonforma wkoll mar-regola rakkomandata tal-ICES li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza jkunu fi stat ħażin, il-mortalità mis-sajd (F) titnaqqas għal valur li ma jaqbiżx l-ogħla

tal-FMSY immultiplikata bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza fis-sena tal-qabda totali permissibbli (TAC) diviż bi MSY Btrigger. L-ICES iqis dawn il-kwistjonijiet u r-regola rakkomandata meta jagħti l-parir xjentifiku dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet tal-qabdiet.

---

<sup>24</sup> Talba tal-UE lill-ICES biex jipprovdi l-meded tal-FMSY għal stokkijiet magħżulin fis-subżoni 5 sa 10 tal-ICES

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

limitu li jkun ugwali għall-valur tal-punt tal-FMSY immultiplikata bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza fis-sena tal-qabda totali permissibbli (TAC) diviż bi MSY Btrigger. L-ICES iqis dawn il-kwistjonijiet u r-regola rakkomandata meta jagħti l-parir xjentifiku dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet tal-qabdiet.

---

<sup>24</sup> Talba tal-UE lill-ICES biex jipprovdi l-meded tal-FMSY għal stokkijiet magħżulin fis-subżoni 5 sa 10 tal-ICES

*Emenda*

***(16a) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-mira tal-mortalità mis-sajd (F) bħala li ma taqbiżx ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli. Din ir-rata jenħtieġ li tinkiseb malajr kemm jista' jkun u fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha li dan ir-Regolament japplika għalihom.***

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) ***Għandu*** jkun possibbli li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) ***għall-iskampu*** fl-Ilmijiet tal-Punent jiġu ffixxati bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbiliti għal kull unità funzjonali, u s-somma tal-limiti tal-qbid fir-rettangoli statistiċi 'l barra mill-

*Emenda*

(20) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) ***għal stokk tal-iskampu*** fl-Ilmijiet tal-Punent jiġu ffixxati bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbiliti għal kull unità funzjonali, u s-somma tal-limiti tal-qbid fir-rettangoli

unitajiet funzjonali, *f'dik iż-żona ta' qabdiet totali permissibbli*. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi.

statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali *fiż-żona definita għal dan l-istokk*. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti minn issa projbizzjonijiet speċifiċi tas-sajd fir-rigward tal-ispnott u l-pollakkju, partikolarment għall-protezzjoni tal-ġenituri ta' dawk l-ispeċijiet matul l-istaġun tat-tgħammir. Sabiex jiġu protetti l-livelli dejjem iktar baxxi tal-istokk tal-ispnott u tal-pollakkju, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri xierqa ta' rkupru kummerċjali u rikreattiv kif iddeterminat mill-aħjar evidenza xjentifika disponibbli.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22) Meta l-Kunsill iqis impatt sinifikanti tas-sajd rikreattiv fil-qafas tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokk, irid ikun jista' jiffissa qabda totali permissibbli għall-qabdiet kummerċjali li tqis il-volum tal-qabdiet rikreattivi u/jew li jadotta miżuri oħrajn li jillimitaw is-sajd rikreattiv, bħalma huma limiti tal-qabdiet u perjodi ta' għeluq.*

*(22) Meta l-mortalità mis-sajd rikreattiv ikollha impatt sinifikanti fuq stokk ġestit abbażi tal-MSY, il-Kunsill għandu jkun jista' jiffissa opportunitajiet tas-sajd individwali u mhux diskriminatorji għas-sajjieda rikreattivi. Dawk l-opportunitajiet individwali tas-sajd rikreattiv jenħtieġ li jkopru perjodi li ma jistgħux ikunu ta' anqas minn xahar, f'konformità mar-realtajiet prattiċi u tal-qabdiet fis-sajd rikreattiv. Huwa wkoll xieraq li l-qabdiet rikreattivi ta' ċerti speċijiet li għandhom*

*valur kummerċjali għoli jkunu  
karatterizzati minn qtugħ ta' parti mid-  
denb, sabiex jiġu limitati l-possibbiltajiet  
ta' użu illegali ta' dawġ il-qabdiet fil-  
kanali kummerċjali tal-ħut.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Biex jikkonforma mal-obbligu ta' ħaqq l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, **jeħtieġ** li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta' ġestjoni addizzjonali bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### *Emenda*

(23) Biex jikkonforma mal-obbligu ta' ħaqq l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 **u biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-ekosistema, jenħtieġ** li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta' ġestjoni addizzjonali, **b'mod partikolari miżuri biex gradwalment jiġi evitat u jiġi eliminat il-qbid skartat u biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistema, filwaqt li jitqies l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, fejn xieraq**, bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. **Jenħtieġ ukoll li jiġi speċifikat li l-obbligu ta' ħaqq l-art ma għandux japplika għal sajd rikreattiv. Fin-nuqqas ta' rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-PKS tistipula fl-Artikolu 2.5 li l-qbid skartat għandu jitneħħa gradwalment billi l-ewwel nett jiġu evitati u mnaqqa kemm jista' jkun qabdiet mhux mixtieqa.*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(23a) Sabiex jiġu protetti speċijiet u habitats sensitivi, b'mod partikolari dawġ**



*f'periklu kritiku u affettwati minħabba l-pressjoni tas-sajd, il-pjan jenħtieġ li jstabilixxi miżuri ta' ġestjoni għas-sajd ikkonċernat, inklużi l-modifika tal-irkaptu tal-bastiment, il-modifika tal-attivitajiet tal-bastiment u modifiki tal-bastiment innifsu. Jenħtieġ li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta' ġestjoni addizzjonali bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu analiżi tal-baċiri tal-baħar, u l-format u l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(24a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li sar użu minnhom għall-finijiet tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd jew l-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja mill-Kunsill, u li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew minn qabel dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-pariri xjentifiċi jistgħu jwasslu għal bidliet importanti fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(25) Skont l-Artikolu 10(3) tar-

(25) Skont l-Artikolu 10(3) tar-

Regolament (UE) Nru 1380/2013, **jeħtieġ** li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni **perjodika** mill-Kummissjoni tal-adekwatezza u l-effikaċja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont il-parir xjentifiku. **Jeħtieġ** li l-pjan jiġi evalwat sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u **kull ħames snin** wara dan. Dak il-perjodu jagħti ż-żmien biex jiġi implimentat bis-siġh l-obbligu ta' ħatt l-art, u biex jiġu adottati, **implimentati**, u **jagħmlu l-effetti tagħhom fuq l-istokkijiet u fuq is-sajd il-miżuri** reġjonali. Dan il-perjodu huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi.

Regolament (UE) Nru 1380/2013, **jenħtieġ** li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-adekwatezza u l-effikaċja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont il-parir xjentifiku. **Jenħtieġ** li l-pjan jiġi evalwat sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u **d-dispożizzjonijiet tiegħu li jirrigwardaw il-mekkaniżmu ta' ġestjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd direttament abbażi tal-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli jenħtieġ li jintemmu fil-31 ta' Diċembru ... [is-seba' sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**. Dak il-perjodu jagħti ż-żmien biex jiġi implimentat bis-siġh l-obbligu ta' ħatt l-art, u biex jiġu adottati u **implimentati miżuri** reġjonali. Dan il-perjodu huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi **għall-valutazzjoni tal-effetti fuq l-istokkijiet u s-sajd, u sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jingħataw biżżejjed żmien biex jiddeċiedu dwar kwalunkwe proposta ġdida għall-ġestjoni pluriennali ta' dawn l-istokkijiet**.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 26

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Biex isir adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b'mod proporzjonat, u biex tkun żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa **jkunu jistgħu jevolvu** ċerti miżuri, bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **jeħtieġ** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti dwar is-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' rimedju u mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Huwa importanti ħafna li waqt ix-xogħol

#### *Emenda*

(26) Biex isir adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b'mod proporzjonat, u biex tkun żgurata l-flessibbiltà u **biex** tiġi permessa **l-evoluzzjonita'** ċerti miżuri, bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **jenħtieġ** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti dwar is-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' rimedju u mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Huwa importanti ħafna li waqt ix-xogħol

ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet **li hemm bżonn**, anki ma' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru **skon** il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>25</sup>. B'mod partikolari biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, **trid tiżgura li l-Parlament** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-isess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u li dawn l-esperti jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin ifasslu l-atti delegati.

---

<sup>25</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 28

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) L-applikazzjoni ta' referenzi dinamiċi għall-meded tal-F<sub>MSY</sub> u għall-punti ta' referenza għall-konservazzjoni tkun tiggarrantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiskadux, u li l-Kunsill dejjem ikun jista' juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, **għandu** jiġi segwit dak l-approċċ li jipprovdi r-referenzi dinamiċi skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku. F'dan il-kontest, "l-aħjar parir xjentifiku" jirreferi għal parir xjentifiku li jkun disponibbli għall-pubbliku **u li jkun appoġġat mid-dejta xjentifika u mill-metodi xjentifiċi l-aktar riċenti, u li jkun inħareġ jew ġie evalwat minn korp xjentifiku indipendenti li jkun rikonoxxut fl-Unjoni Ewropea jew f'livell internazzjonali. Għaldaqstant,**

ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet **xierqa mal-Kunsilli Konsultattivi affettwati**, anki ma' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru **skont** il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>25</sup>. B'mod partikolari biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, **il-Parlament** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-isess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u li dawn l-esperti jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin ifasslu l-atti delegati.

---

<sup>25</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

#### *Emenda*

(28) L-applikazzjoni ta' referenzi dinamiċi għall-meded tal-F<sub>MSY</sub> u għall-punti ta' referenza għall-konservazzjoni tkun tiggarrantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiskadux, u li l-Kunsill dejjem ikun jista' juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, **jenħtieġ li** jiġi segwit dak l-approċċ li jipprovdi r-referenzi dinamiċi skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku **għal seba' snin. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti wkoll rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li sar użu minnhom, u jenħtieġ li tinforma lill-Parlament bil-quddiem meta pariri xjentifiċi jistgħu jwasslu għal varjazzjonijiet sinifikanti fid-determinazzjoni tal-opportunitajiet tas-**

*jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139  
jiġi emendat.*

*sajd. F'dan il-kuntest, "l-aħjar parir  
xjentifiku" jirreferi għal parir xjentifiku li  
jkun disponibbli għall-pubbliku li **jiġi  
rivedut minn esperti mill-Kumitat  
Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-  
Sajd (STECF)** jew minn korpi xjentifiċi  
oħra xierqa, bħall-Kunsill Internazzjonali  
għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).  
Dan irid jkun appoġġat mid-dejta  
xjentifika u mill-metodi xjentifiċi l-aktar  
riċenti disponibbli u jrid jissodisfa r-  
rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament  
(UE) Nru 1380/2013.*

---

<sup>27</sup> *Ir-Regolament (UE) 2016/1139  
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-  
6 ta' Lulju 2016 li jstabbilixxi pjan  
pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-  
aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-  
sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li  
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-  
Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016,  
p. 1).*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali ("il-pjan") għall-istokkijiet tal-ħut demersali, fosthom *stokkijiet* tal-baħar fond, *li ġejjin*, fl-Ilmijiet tal-Punent, u *għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u* fejn dawk l-istokkijiet ikunu mifruxin 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-Ilmijiet tal-madwar:

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali ("il-pjan") għall-istokkijiet tal-ħut demersali *elenkati hawn taħt*, fosthom *l-istokkijiet* tal-baħar fond, fl-Ilmijiet tal-Punent, u fejn dawk l-istokkijiet ikunu mifruxin 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-ilmijiet *tagħhom* tal-madwar *li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi, kif ukoll is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet:*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-ispnotta tat-tbajja' (*Dicentrarchus labrax*) fit-taqsimiet 4b, 4c, 7a, **u** 7d–h;

*Emenda*

(4) L-ispnotta tat-tbajja' (*Dicentrarchus labrax*) fit-taqsimiet 4b, 4c, 7a, **7b**, 7d–h, **7j, is-subżona 8 u t-taqsimi 9a**;

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ispnott huwa speċi fil-mira ta' valur għoli. Il-ġestjoni abbażi tal-MSY hija indispensabbli biex isir l-aqwa użu mir-riżorsa. Iż-żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċi hija usa' u m'hemm l-ebda indikazzjoni xjentifika rigward l-eżistenza ta' stokkijiet bijoloġiċi separati mit-48 parallel (it-tqassim f'żoni tal-ICES huwa prinċipalment marbut ma' differenzi f'termini ta' disponibbiltà tad-data). Minbarra n-natura ferm inġusta, ir-restrizzjonijiet tas-sajd deċiżi mill-Kunsill x'aktarx imexxu l-attivitajiet tas-sajd lejn iż-żona tan-Nofsinhar u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq dan l-istokk.*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 23 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Fin-Nofsinhar tal-Bajja ta' Biskajja (FU 25);

*Emenda*

– Fin-Nofsinhar tal-Bajja ta' Biskajja (FU 23-24);

#### *Ġustifikazzjoni*

*Hemm żball fid-deżinjazzjoni tal-Unità Funzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni.*

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Fil-Galizja tal-Punent (FU 26-27);

*Emenda*

– Fil-Galizja tal-Punent (FU 26);

#### *Ġustifikazzjoni*

*Hemm żball fid-deżinjazzjoni tal-Unità Funzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- *Fl-Ilmijiet Iberiċi (FU 28-29); imħassar*

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm żball fid-deżinjazzjoni tal-Unità Funzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- *Fit-Tramuntana tal-Portugal (FU 27)*

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm żball fid-deżinjazzjoni tal-Unità Funzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni.*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- *Ilmijiet Portugiżi (il-Portugall tan-Nofsinhar u l-Algarve) (FU 28–29)*

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm żball fid-deżinjazzjoni tal-Unità Funzjonali fil-proposta tal-Kummissjoni.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta ***l-parir*** xjentifiku juri bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet elenkati fl-ewwel ***sottoparagrafu*** ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 li jemendaw dan ir-Regolament billi jaġġustaw iż-żoni speċifikati hawn fuq biex dawn jiġu jirriflettu l-bidla. Dawn l-aġġustamenti ma għandhomx ikabbru ż-żoni tal-istokkijiet 'il barra mill-Ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 sa 10, u miż-żoni tas-CECAF 34.1.1., 34.1.2, u 34.2.0.

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta, abbażi ***tal-parir*** xjentifiku, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li l-lista tal-istokkijiet stabbiliti fl-ewwel ***sottoparagrafu*** tal-paragrafu 1 jeħtieġ li tiġi emendata, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex dik il-lista tiġi emendata.

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fir-rigward tal-ilmijiet tal-madwar koperti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, japplikaw biss l-Artikoli 4 u 6 ***u l-miżuri*** b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

Meta ***l-aqwa parir*** xjentifiku ***disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)*** juri bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet elenkati fl-ewwel ***subparagrafu*** ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 li jemendaw dan ir-Regolament billi jaġġustaw iż-żoni speċifikati hawn fuq biex dawn jiġu jirriflettu l-bidla. Dawn l-aġġustamenti ma għandhomx ikabbru ż-żoni tal-istokkijiet 'il barra mill-Ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 sa 10, u miż-żoni tas-CECAF 34.1.1., 34.1.2, u 34.2.0.

*Emenda*

2. Meta, abbażi ***tal-aqwa parir*** xjentifiku ***disponibbli***, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li l-lista tal-istokkijiet stabbiliti fl-ewwel ***subparagrafu*** tal-paragrafu 1 jeħtieġ li tiġi emendata, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex dik il-lista tiġi emendata.

*Emenda*

3. Fir-rigward tal-ilmijiet tal-madwar koperti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, japplikaw biss l-Artikoli 4 u 6, ***il-miżuri*** b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 7, ***l-Artikolu 9(3a) u u l-***

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-qabdiet inċidentali li jinqabdu fl-Ilmijiet tal-Punent waqt is-sajd tal-istokkijiet elenkati fil-paragrafu 1. ***Iżda fejn il-meded tal-F<sub>MSY</sub> u s-salvagwardji marbutin mal-bijomassa għal daww l-istokkijiet ikunu stabbiliti f'atti legali oħrajn tal-Unjoni li jstabbilixxu l-pjanijiet pluriennali, japplikaw daww il-meded u s-salvagwardji.***

*Emenda*

4. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-qabdiet inċidentali li jinqabdu fl-Ilmijiet tal-Punent waqt is-sajd tal-istokkijiet ***tal-ħut demersali*** elenkati fil-paragrafu 1 ***u għandu jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin kollha tal-baħar jirripristina u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda aktar 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, bi qbil mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

***4a. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni ta' miżuri għall-imminimizzar tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet protetti, fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Ibħra tal-Punent għall-attivitajiet kollha tas-sajd f'daww l-ilmijiet. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu analiżi tal-baċiri tal-baħar, u l-format u l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni.***

*Emenda*

## Emenda 36

### Proposta għal regolament



## Artikolu 1 – paragrafu 5

### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward ***tal-istokkijiet kollha*** ta' dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

### *Emenda*

5. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward ***ta' stokkijiet*** ta' dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ***u li jinqabdu fis-sajd demersali.***

## Emenda 37

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 6**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri tekniċi, kif stabbilit fl-Artikolu 8, li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal kwalunkwe stokk.

#### *Emenda*

6. Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri tekniċi ***għas-sajd kummerċjali u rikreattiv***, kif stabbilit fl-Artikolu 8, li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal kwalunkwe stokk ***ta' ħut demersali.***

## Emenda 38

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "Il-medda tal-F<sub>MSY</sub>" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija ***dderivata*** biex

#### *Emenda*

(2) "Il-medda tal-F<sub>MSY</sub>" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji,

tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ( $B_{lim}$ ) ma tkunx iktar minn 5 %.

mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija **ġiet determinata** biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ( $B_{lim}$ ) ma tkunx iktar minn 5 %.

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) "**Il-punt ta' valur tal- $F_{MSY}$** " huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b'mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta' żmien twil.

#### *Emenda*

(5) " **$L-F_{MSY}$** " huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b'mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta' żmien twil.

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) " $B_{lim}$ " tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

#### *Emenda*

(8) " $B_{lim}$ " tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) "MSY Btrigger" tfisser il-bijomassa riproduttiva tal-istokk, jew, fil-każ tal-iskampu - il-punt ta' referenza tal-abbundanza, li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil.

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) "MSY Btrigger" tfisser il-bijomassa riproduttiva tal-istokk, jew, fil-każ tal-iskampu - il-punt ta' referenza tal-abbundanza, li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil.

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Emenda*

***(9a) "L-Aqwa parir xjentifiku disponibbli" tirreferi għal parir xjentifiku disponibbli għall-pubbliku li huwa appoġġat mid-dejta u l-metodi xjentifiċi l-aktar aġġornati li nħarġu jew li ġew evalwati minn esperti minn korp xjentifiku indipendenti rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, bħall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.***

1. Il-pjan għandu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari billi jintuża approçċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li jinstadu u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

1. Il-pjan għandu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari billi jintuża approçċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li jinstadu u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. ***Minbarra li jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-pjan għandu jiġi ġestit b'mod konsistenti mal-oġettivi ta' ġenerazzjoni ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, filwaqt li jikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-prodotti tal-ikel.***

***Ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha tinkiseb b'mod gradwali għall-istokkijiet kollha, u mhux aktar tard mill-2020, u għandha tinżamm minn hemm 'il quddiem.***

#### Ġustifikazzjoni

*Minbarra d-dimensjoni ambjentali, huwa importanti li titqies id-dimensjoni soċjali u ekonomika tas-sajd u l-akkwakultura, kif stabbilit bir-Regolament 1380/2013.*

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

#### Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iskartar tal-ħut billi kemm jista' jkun jevita u jnaqqas il-qabdiet inċidentali, u jgħin fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 rigward l-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid u li japplika għalihom dan ir-Regolament.

#### Emenda

2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iskartar tal-ħut billi kemm jista' jkun jevita u jnaqqas il-qabdiet inċidentali, ***inkluż bl-użu ta' rkaptu u tekniki tas-sajd innovattivi u selettivi***, u jgħin, ***sa fejn possibbli***, fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 rigward l-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid u li

japplika għalihom dan ir-Regolament.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-pjan għandu jimplementa metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitàjiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Għandu jkun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-għan li jikseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE u fl-għanijiet stabbiliti *fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva* 2009/147/KE u *fl-Artikoli 6 u 12 tad-Direttiva* tal-Kunsill 92/43/KEE.

#### *Emenda*

3. Il-pjan għandu jimplementa metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitàjiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar, ***u b'mod partikolari fuq il-habitats vulnerabbli u l-ispeċijiet protetti, inklużi l-mammiferi tal-baħar, ir-rettili tal-baħar, l-għasafar tal-baħar, l-ammonti, is-sikek tal-fond u l-ġonna tal-korall jew aggregazzjonijiet ta' sponoż, jiġu minimizzati u preferibbilment jiġu eliminati sabiex jiġi żgurat li s-sajjieda jkomplu jistadu b'mod sostenibbli u selettiv.*** Għandu jkun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-għan li jikseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE u fl-għanijiet stabbiliti *fid-Direttiva* 2009/147/KE u *fid-Direttiva* tal-Kunsill 92/43/KEE.

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ***jikkontribwixxi li jinkisbu deskritturi oħrajn rilevanti li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE bi proporzjon mal-parti li għandu s-sajd fil-kisba tagħhom.***

#### *Emenda*

(b) ***jiżgura li l-impatti negattivi tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar jiġu minimizzati, b'mod partikolari fir-rigward ta' habitats vulnerabbli u ta' speċijiet protetti, inklużi l-mammiferi tal-baħar u l-għasafar tal-baħar.***

## *Ġustifikazzjoni*

*L-għasafar tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar u r-rettili jinqabdu inċidentalment fl-Ilmijiet tal-Punent kollha.*

### **Emenda 47**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-miżuri taħt il-pjan jittieħdu bi qbil mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Fejn ma hemmx biżżejjed dejta, għandu jkun hemm livell komparabbli ta' konservazzjoni għall-istokkijiet rilevanti.

*Emenda*

5. Il-miżuri taħt il-pjan jittieħdu bi qbil mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. ***L-aqwa parir xjentifiku disponibbli għandu jiġi analizzat minn esperti minn korpi xjentifiċi affidabbli u xierqa, bħall-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jew il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Għandu jkun disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard minn meta daww il-miżuri jiġu proposti mill-Kummissjoni.*** Fejn ma hemmx biżżejjed dejta, għandu jkun hemm livell komparabbli ta' konservazzjoni għall-istokkijiet rilevanti.

### **Emenda 48**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Daww il-meded tal-F<sub>MSY</sub> ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES.

*Emenda*

2. Daww il-meded tal-F<sub>MSY</sub> ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES, ***jew minn korpi xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali.***

### **Emenda 49**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi **jkun** meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat;

*Emenda*

(a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi, **ikun** meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat **u/jew tas-sajd ta' speċijiet multipli, b'mod partikolari biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet soċjoekonomiċi imposti fuq is-sajd;**

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi.

*Emenda*

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi, **ħlief f'dawk il-każijiet fejn jittaffew sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati jew sitwazzjonijiet oħrajn li jipparalizzaw jew jaffettwaw b'mod sinifikanti l-attività ta' xi flotot.**

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-ġestjoni għal żmien qasir tfixkel l-implimentazzjoni tal-ġestjoni pluriennali u sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għandu jkun possibbli li, fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jiġu approvati regoli ta' sfruttament permezz tar-reġjonalizzazzjoni.**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

## Artikolu 5 – paragrafu 2

### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dawk l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika.

### *Emenda*

2. Dawk l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika **u għandhom jiżguraw tal-anqas livell paragonabbli ta' konservazzjoni daqs ir-MSY, kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru. 1380/2013.**

## Emenda 53

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Bi qbil mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd imħallat għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tqis id-diffikultà biex jinstadu l-istokkijiet kollha fil-livell MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet meta dan iwassal għall-għeluq qabel il-waqt tas-sajd.

### *Emenda*

3. Bi qbil mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd imħallat **u/jew ta' speċijiet multipli** għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tqis id-diffikultà biex jinstadu l-istokkijiet kollha fil-livell MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet meta dan iwassal għall-għeluq qabel il-waqt tas-sajd.

## Emenda 54

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità **kollha** riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES **skont dan il-Pjan:**

### *Emenda*

Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità riproduttiva **sħiħa** tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin, **abbażi ta' dan il-pjan**, se jintalbu mingħand l-ICES **jew mingħand korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, u bi qbil mad-**



## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet **imsemmija** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY  $B_{\text{trigger}}$ , għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli oġhla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-oġhla medda tal- $F_{\text{MSY}}$ , meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

#### *Emenda*

1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet **demersali msemmija** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY  $B_{\text{trigger}}$ , għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli oġhla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-oġhla medda tal- $F_{\text{MSY}}$ , meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

## **Emenda 56**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet **imsemmija** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell  $B_{\text{lim}}$ , għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli oġhla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju

#### *Emenda*

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet **demersali msemmija** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell  $B_{\text{lim}}$ , għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli oġhla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju

jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk jew għall-unità funzjonali kkonċernati u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd.

jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk jew għall-unità funzjonali kkonċernati u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd.

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Minkejja l-Artikolu 4(1), il-mira tal-mortalità mis-sajd skont il-meded tal- $F_{MSY}$  imsemmija f'dak il-paragrafu, flimkien mar-rikostituzzjoni rapida tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernati għal livelli ogħla minn dawk li jistgħu jipproduċu MSY bi qbil mal-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jintlaħqu fuq bażi progressiva u inkrementali tul perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin, sa fejn dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-impatti ekonomiċi, soċjali u fil-qasam tal-impjiegi fuq l-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ ta' stokk li mhuwiex f'sitwazzjoni ta' sfruttament fl-MSY, il-konsegwenzi soċjoekonomiċi għas-sajd se jkunu direttament dipendenti fuq il-ħeffa li biha l-Kunsill għandu jikkoreġi din is-sitwazzjoni permezz ta' tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ffissat perjodu raġonevoli biex jiġi żgurat li jintlaħaq l- $F_{MSY}$  fi żmien definit, filwaqt li jiġi permess approċċ gradwali fuq diversi staġuni tas-sajd sabiex jiġu limitati l-impatti soċjoekonomiċi.*

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi li ġejjin:

tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi li ġejjin ***għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fl-Ilmijiet tal-Punent:***

## **Emenda 59**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) L-ispeċifikazzjonijiet tal-karatteristiki tal-irkapti tas-sajd u tar-regoli għall-użu tagħhom biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali jew jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema;

#### *Emenda*

(a) L-ispeċifikazzjonijiet tal-karatteristiki tal-irkapti tas-sajd u tar-regoli għall-użu tagħhom biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali, ***partikolarment tal-ħut żgħir,*** jew jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema;

## **Emenda 60**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3.

#### *Emenda*

2. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3 ***u huma applikabbli kemm għas-sajd kummerċjali kif ukoll għal dak rikreattiv.***

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8a (ġdid)**

**Artikolu 8a**

**Projbizzjonijiet spazju-temporali tas-sajd għall-ispnott**

- 1. Is-sajd kummerċjali u s-sajd rikreattiv għall-ispnott huma pprojbiti fl-Ilmijiet tal-Punent u fid-diviżjonijiet tal-ICES 4b u 4c bejn l-1 ta' Frar u t-30 ta' April. Huwa pprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi rilokat jew jinħatt l-art, kif ukoll li jiġi kkonservat l-ispnott li jinqabad tul il-kosta fiż-żoni msemmija.**
- 2. Huwa pprojbit ukoll li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu għall-ispnott fid-diviżjonijiet 7b, 7c, 7j u 7k tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tad-diviżjonijiet 7a u 7g tal-ICES li jinstabu iktar 'il bogħod minn 12-il mil nautiku mil-linji bażi taħt is-sovranià tar-Renju Unit. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jżommu abbord, jirrilokaw, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad fiż-żoni msemmija.**

*Ġustifikazzjoni*

*F'dawn l-aħħar snin, il-Kunsill adotta, fir-regolamenti tat-TAC u l-kwoti, miżuri biex jipproteġi l-ispnott u, b'mod partikolari, matul parti mill-perjodu ta' riproduzzjoni. Jeħtieġ li tali miżuri tekniċi jkunu stabbiliti b'mod sostenibbli mill-koleġislaturi, u mhux fil-qafas ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Protezzjoni hija wkoll meħtieġa għall-pollakkju, għall-prevenzjoni ta' sajd żejjed fuq il-gruppi ta' annimali li jirriproduċu, li jirriżulta f'sitwazzjoni identika għal dik tal-ispnott bħalissa.*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 3**

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli **għall-istokkijiet tal-iskampu fl-Ilmijiet tal-**

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli **għal stokk tal-iskampu** tista' tkun is-

**Punent** tista' tkun is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u **s-somma tal-limiti tal-qbid tar-rettangoli** statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali.

somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u **r-rettangoli** statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali **taż-żona definita għal dan l-istokk**.

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Għall-istokkijiet u l-ispeċijiet tal-ħut imsemmija fl-Artikolu 1(1) u (4), li huma soġġetti, fil-livell tal-Unjoni u bl-għan li jiġu kkonservati r-riżorsi, għal projbizzjonijiet ta' sajd stabbiliti fuq bażi annwali fil-qafas tad-deċiżjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd, jew għal projbizzjonijiet ta' sajd staġjonali, il-Kunsill jista' madankollu jiffissa opportunitajiet tas-sajd individwali għall-bastimenti ta' sajd speċifiċi, sabiex titqies b'mod partikolari n-natura limitata jew inevitabbli ta' dawn il-qabdiet fid-dawl tal-importanza soċjoekonomika partikolari ta' dan it-tip ta' sajd.**

**Dawk l-opportunitajiet tas-sajd eċċezzjonali għandhom jibqgħu limitati u m'għandhomx ipattu b'mod sinifikanti għall-effett fuq il-konservazzjoni tal-istokk tal-projbizzjoni temporanja tas-sajd rilevanti.**

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Meta l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' xi stokk partikolari, il-Kunsill dan għandu jqisu u**

**imħassar**

*jista' jillimita s-sajd rikreattiv meta jkun  
qed jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd biex  
jevita li tinqabeż il-mira totali tal-  
mortalità mis-sajd.*

*Ġustifikazzjoni*

*Sostitwit bl-Artikolu 9a (ġdid).*

## **Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 9a*

*Sajd rikreattiv*

*1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-  
mortalità mis-sajd rikreattiv meta  
jallokaw opportunitajiet tas-sajd  
disponibbli għalihom u li huma msemmija  
fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE)  
Nru 1380/2013, sabiex jiġi evitat li  
jinqabeż l-oġettiv totali fil-mira ta'  
mortalità mis-sajd.*

*Meta l-pariri xjentifiċi jindikaw li s-sajd  
rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-  
mortalità mis-sajd ta' xi stokk imsemmi fl-  
Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-  
Kunsill jista' jiffissa opportunitajiet  
individwali tas-sajd li japplikaw b'mod  
mhux diskriminatorju għas-sajjieda  
rikreattivi.*

*2. Il-Kunsill jibbaża ruħu fuq kriterji  
trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta'  
natura ambjentali, soċjali u ekonomika,  
fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd  
għas-sajd rikreattiv. Il-kriterji użati  
jistgħu jinkludu l-impatt ambjentali, l-  
importanza soċjali ta' din l-attività u l-  
kontribut tagħha għall-ekonomija tat-  
territorji kostali.*

*3. L-Istati Membri għandhom jieħdu  
l-miżuri meħtieġa u proporzjonati għall-*

***kontroll u l-ġbir tad-dejta għal stima  
affidabbli tal-livelli effettivi tal-qabdiet  
soġġetti għall-paragrafu 1.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-loġika tal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' bażi, l-Istati Membri għandhom iqisu l-mortalità kollha mis-sajd. Is-sajd rikreattiv huwa spiss dgħajjed fir-rigward tal-inċertezza dwar il-mortalità effettiva mis-sajd professjonali, u dan għalhekk ma joħloq ebda problema kbira ta' allokkazzjoni jew ta' rispett tal-kwoti. Il-PKS (Premessa 3) jirrikonoxxi wkoll li s-sajd rikreattiv huwa qabelxejn responsabbiltà tal-Istati Membri. Madankollu, meta jkollu impatt sinifikanti fuq stokk ġestit abbażi tal-MSY, dan is-sajd jista' jkun soġġett għal miżuri ġusti u proporzjonati fil-livell tal-UE.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 9b***

***Immarkar tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv***

- 1. Kampjuni ta' spnott, bakkaljaw, pollakkju u lingwata maqbuda fiż-żoni tal-istokkijiet korrispondenti msemnija fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu mmarkati b'referenza meta miżmuma minn sajjied rikreattiv.***
- 2. Dan l-immarkar għandu jikkonsisti fi qtugħ tal-parti t'isfel jew tal-parti ta' fuq tad-denb, b'mod madankollu li ma jipprekludix il-kejl tat-tul tal-ħut.***
- 3. Dan l-immarkar għandu jsir minnufih wara l-qbid u l-qtil, jew fuq ix-xatt, jew inkella wara li jittella' l-ħut abbord fil-każ ta' sajd rikreattiv imwettaq minn bastiment. Madankollu, il-kampjuni li jittellgħu abbord bastiment tas-sajd rikreattiv u li jinżammu ħajjin f'kundizzjoni tajba minn qabel ma jiġu rilaxxati m'għandhomx ikunu mmarkati.***

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fl-Ilmijiet tal-Punent li japplika għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1380/2013, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji ta' dak l-obbligu kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet **demersali** fl-Ilmijiet tal-Punent li japplika għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1380/2013, **kif ukoll għall-qbid inċidentali ta' speċijiet pelaġiċi fis-sajd li jisfrutta l-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) u li għalih japplika l-obbligu ta' ħatt l-art**, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji ta' dak l-obbligu kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**L-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika għas-sajd rikreattiv, inkluż f'każijiet fejn il-Kunsill jiffissa opportunitajiet individwali tas-sajd skont l-Artikolu 9a ta' dan ir-Regolament.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjoni li tispeċifika b'mod ċar li s-sajd rikreattiv mhux soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art (inkompatibilità mal-osservanza ta' daqsijiet minimi biex wieħed iżomm ħut jew il-prattiki tas-sajd sportiv ta' "jistad//jeħles").*



## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 10a*

#### *Sajd artiġjanali u kostali fir-reġjuni ultraperiferiċi*

*Dan ir-Regolament għandu jqis ir-restrizzjonijiet relatati mad-daqs tal-bastimenti tas-sajd artiġjanali u kostali użati fir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-ħatt l-art ta' qabdiet inċidentali, sa fejn ma jżidx l-impatt fuq il-bijomassa tal-istokk riproduttiv, għandu għalhekk jiġi permess.*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. ***Għal kull waħda miż-żoni*** tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jorhōg l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jistadu f'dik iż-żona. ***F'dawn l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd, l-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw il-kapaċità totali espressa f'kW ta' dawn il-bastimenti li jużaw irkaptu speċifiku.***

1. ***Għaż-żoni*** tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jorhōg l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jistadu f'dik iż-żona.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. F'dawn l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd imsemmija fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw il-kapaċità totali tal-bastimenti fil-paragrafu msemmi hawn fuq li jużaw irkaptu speċifiku.***

## **Emenda 72**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sabiex tistabbilixxi limiti fuq il-kapaċità totali ta' flotot tal-Istati Membri kkonċernati biex tiffaċilita l-ilħiq tal-obiettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.***

## **Emenda 73**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8 u **10** ta' dan ir-Regolament.

1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8, **10** u **11b** ta' dan ir-Regolament.

## **Emenda 74**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Għall-għan tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ jistgħu jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem tnax-il xahar wara kull preżentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 14. Huma jistgħu wkoll jissottomettu **tali** rakkomandazzjonijiet meta **jqisu li jkun meħtieġa**, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil **f'daqqa** fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe **wieħed** mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti.

2. Għall-għan tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ jistgħu jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem tnax-il xahar wara kull preżentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 14. Huma jistgħu wkoll jissottomettu rakkomandazzjonijiet **ulterjuri** meta **jkun meħtieġ**, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, **kif ukoll biex jiġi stabbilit pjan li fih miżuri li jimplimentaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd fl-Ilmijiet tal-Punent**. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti, **jew malajr kemm jista' jkun meta tali rakkomandazzjonijiet konġunti jkollhom l-għan li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza identifikati mill-iktar parir xjentifiku riċenti**.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament PKS*

#### **Emenda 75**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 13a*

***Monitoraġġ u informazzjoni minn qabel***

*ta' modifiki għall-parir xjentifiku*

**1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li servew ta' bażi għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill b'rabta mal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd meħuda b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-1 ta' Frar tas-sena preċedenti u l-31 ta' Jannar tas-sena attwali.**

**Għall-istokkijiet u speċijiet tal-ħut kollha kkonċernati, dan ir-rapport isemmi b'mod partikolari l-opportunitajiet tas-sajd iffissati mill-Kunsill skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u fejn applikabbli, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, billi jispeċifika wkoll il-valuri korrispondenti espressi f'mortalità mis-sajd. Dik id-dejta titqabbel mal-pariri xjentifiċi ta' referenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded ta' mortalità mis-sajd ( $MSY_{F_{lower}}$ ,  $FMSY$  et  $MSY_{F_{upper}}$  u l-korrispondenzi tagħhom f'opportunitajiet tas-sajd) u l-istimi ta' bijomassa tal-istokkijiet li jirriproduċu u l-limiti ta' referenza tal-bijomassa ( $MSY_{B_{trigger}}$  u  $B_{lim}$ ).**

**2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret taf, u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill għad-determinazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd, dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-valuri l-aktar riċenti tal- $FMSY$  jikkorrispondu għal varjazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd li huma ta' inqas minn 20 % tal-opportunitajiet tas-sajd li tikkorrispondu għall-punt ta' valur tal- $FMSY$  tal-parir xjentifiku li ntuża biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu attwali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill, dwar il-każijiet fejn il-pariri xjentifiċi dwar livelli differenti ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk**

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-evalwazzjoni tal-pjan

*Emenda*

L-evalwazzjoni **u l-implimentazzjoni** tal-pjan

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' salvagwardja meħuda mill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-pjan huma direttament ideterminati minn pariri xjentifiċi aġġornati. Madankollu, ġie propost li sitwazzjoni bħal din ma titħalliex tiġi estiża b'mod indefinit, u li dan il-qafas ġuridiku jitħalla fis-seħħ għal perjodu ta' żmien limitat. Hija l-Kummissjoni li għandha tipproponi qafas futur, u l-Parlament u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu fuq din il-bażi.*

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-[ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], **u wara dan, kull ħames snin**, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, u dwar is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-ġhanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Emenda*

Sal-[ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, u dwar is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-ġhanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' salvagwardja meħuda mill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-pjan huma direttament determinati minn pariri xjentifiċi aġġornati. Madankollu, ġie propost li sitwazzjoni bħal din ma titħalliex tiġi estiża b'mod indefinit, u li dan il-qafas ġuridiku jitħalla fis-seħħ għal*

*perjodu ta' żmien limitat. Hija l-Kummissjoni li għandha tipproponi qafas futur, u l-Parlament u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu fuq din il-bażi.*

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

#### *Emenda*

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 **u 11(Ib)**, għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha sseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

#### *Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 **u 11(Ib)**, tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha sseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mingħand il-Parlament Ewropew jew mingħand il-Kunsill qabel ma jintemm perjodu ta' xahrejn wara li tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139 Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "Il-medda tal-F<sub>MSY</sub>" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija dderivata biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din

#### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 1(1), 8 u 10 **u 11(Ib)**, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mingħand il-Parlament Ewropew jew mingħand il-Kunsill qabel ma jintemm perjodu ta' xahrejn wara li tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Emenda*

(2) "Il-medda tal-F<sub>MSY</sub>" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), **jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali**, li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija **ġiet determinata** biex

għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ( $B_{lim}$ ) ma tkunx iktar minn 5 %.

tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ( $B_{lim}$ ) ma tkunx iktar minn 5 %.

## Emenda 82

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) " $B_{lim}$ " tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

#### *Emenda*

(8) " $B_{lim}$ " tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

## Emenda 83

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) " $MSY B_{trigger}$ " tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l- $MSY$  fuq terminu ta' żmien twil;

#### *Emenda*

(9) " $MSY B_{trigger}$ " tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq



mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil;

## Emenda 84

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dawk il-meded tal-F<sub>MSY</sub> ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES.

#### *Emenda*

2. Dawk il-meded tal-F<sub>MSY</sub> ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali.***

## Emenda 85

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % ***minn sena għal sena konsekuttivi.***

#### *Emenda*

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 %, ***ħlief f'dawk il-każijiet fejn jittaffew sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati jew sitwazzjonijiet oħrajn li jipparalizzaw jew jaffettwaw b'mod sinifikanti l-attività ta' xi flotot.***

## Emenda 86

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 4a – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha

#### *Emenda*

Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha

riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES skont dan il-Pjan:

riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES, *jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali*, skont dan il-Pjan:

## Emenda 87

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 4

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

b) miżuri skont *l-Artikoli 7 u 8* ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

b) miżuri skont *l-Artikolu 8* ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 88

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139

Artikolu -15 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. Fil-Kapitolu IX, jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:*

*"Artikolu -15*

*Monitoraġġ u informazzjoni minn qabel tal-emendi tal-parir xjentifiku*

*1. Sal-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri disponibbli xjentifiċi li servew ta' referenza għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill b'rabta mal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd meħuda b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-1 ta' Frar tas-sena preċedenti u l-31 ta' Jannar tas-sena attwali.*

*Għall-istokkijiet u speċijiet tal-ħut kollha kkonċernati, dan ir-rapport isemmi b'mod partikolari l-opportunitajiet tas-sajd*

*iffissati mill-Kunsill skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u fejn applikabbli, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, billi jispeċifika wkoll il-valuri korrispondenti espressi f'mortalità mis-sajd. Dik id-dejta titqabbel mal-pariri xjentifiċi ta' referenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded ta' mortalità mis-sajd ( $MSY F_{lower}$ ,  $FMSY$  et  $MSY F_{upper}$  u l-korrispondenzi tagħhom f'opportunitajiet tas-sajd) u l-istimi ta' bijomassa tal-istokkijiet li jirriproduċu u l-limiti ta' referenza tal-bijomassa ( $MSY B_{trigger}$  u  $B_{lim}$ ).*

*2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret taf, u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni għida tal-Kunsill għall-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd, dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-valuri xjentifiċi l-aktar reċenti tal-FMSY jikkorrispondu għal varjazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd li huma ta' inqas minn 20 % tal-opportunitajiet tas-sajd li tikkorrispondu għall-valur FMSY tal-pariri xjentifiku li ntuża biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu attwali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni għida tal-Kunsill, dwar il-każijiet fejn il-pariri xjentifiċi dwar livelli differenti ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li jiġġustifikaw it-teħid ta' miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7. ';*

## **Emenda 89**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 4b (għdid)**  
Ir-Regolament (KE) Nru 2016/1139  
Artikolu 15

*Test fis-seħħ*

Artikolu 15

L-evalwazzjoni tal-pjan

Sal-21 ta' Lulju 2019, u ħames snin wara dakinhar, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u fuq is-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksib tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3. ***Il-Kummissjoni tista' tirrapporta f'data iktar bikrija jekk dan jitqies meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati jew mill-Kummissjoni nnifisha.***

*Emenda*

**4b. L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:**

"Artikolu 15

L-evalwazzjoni ***u l-implimentazzjoni*** tal-pjan

Sal-21 ta' Lulju 2019, u ħames snin wara dakinhar, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u fuq is-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksib tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3.

***L-Artikoli 4 sa 6 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru ... [is-seba' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].*** ';

## NOTA SPJEGATTIVA

### Il-proposta tal-Kummissjoni

Fit-23 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal regolament li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali tas-sajd fl-ilmijiet tal-Punent (il-Baħar Atlantiku u l-Kanal Inġliż). Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll modifika għall-pjan ta' ġestjoni pluriennali ta' ċertu sajd fil-Baħar Baltiku<sup>1</sup> ("il-pjan tal-Baħar Baltiku").

Ir-Regolament ta' bażi tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>2</sup> għandu jipromwovi l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali. Dan jissodisfa rekwiżit doppju: politiki ta' ġestjoni aktar prevedibbli miksuba permezz ta' ppjanar fit-tul, u approċċ reġjonalizzat għal dawn il-pjanijiet skont il-baċir tal-baħar, sabiex jiġu kkunsidrati kif xieraq is-sitwazzjoni speċifika tal-partijiet interessati individwali u l-kontribuzzjonijiet magħmula minnhom. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas reġjonalizzat tal-ġestjoni tas-sajd għall-isfruttament tal-istokkijiet tal-ħut skont ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

Żewġ pjanijiet pluriennali diġà ġew approvati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill: il-pjan għall-Baħar Baltiku adottat fl-2016, u il-"pjan għall-Baħar tat-Tramuntana" adottat fl-2018<sup>3</sup>.

Minbarra l-proposta li hija s-suġġett ta' dan ir-rapport, żewġ proposti oħra ta' pjanijiet bħalissa qed jiġu eżaminati mill-koleġiżlaturi: pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-Baħar Adrijatiku u pjan għall-Mediterran tal-Punent.

Waqt li kienet qed tippreżenta din il-proposta għall-Ilmijiet tal-Punent, il-Kummissjoni essenzjalment irripetiet id-dispożizzjonijiet ta' approċċ pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd kif miftehma reċentement fil-Pjan għall-Baħar tat-Tramuntana. Il-pjan tal-Baħar Baltiku qed jiġi modifikat b'mod korrispondenti

Dan ir-rapport jeżamina l-proposta għal pjan pluriennali għall-Ilmijiet u jissuġġerixxi xi emendi.

### L-opinjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' x-xogħol tal-Kummissjoni u tal-koleġiżlaturi fl-iżvilupp ta' pjanijiet pluriennali għal ġestjoni reġjonalizzata tas-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd. Ir-rapporteur iqis li l-pjanijiet għall-Baħar Baltiku u għall-Baħar tat-Tramuntana joffru bażi tajba ta' referenza għal pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent. Madankollu huwa jipproponi ċerti emendi għall-approċċ tal-pjan għall-Baħar tat-Tramuntana, sabiex jiġi aġġustat għal xi realtajiet istituzzjonali u jintegra aħjar ċerti speċifiċitajiet għall-baċir marittimu kkonċernat.

Għal dan il-għan, ir-rapporteur jipproponi dan li ġej:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

<sup>3</sup> 2016/0238(COD); Ir-Regolament... ; ĠU...

## L-iżgurar tal-konservazzjoni tal-istokkijiet skont ir-realtajiet soċjoekonomiċi

Ir-rapporteur jixtieq tmexxija aħjar tal-mod li bih jintlaħqu kemm l-oġġettivi ta' preżervazzjoni tar-riżorsi kif ukoll il-ħtieġa ta' kunsiderazzjoni tar-realtajiet soċjoekonomiċi. Fil-każ ta' stokk li l-kundizzjoni tiegħu ma jippermettix l-isfruttament tal-MSY, b'mod partikolari meta huwa jiġġustifika t-teħid ta' miżuri ta' salvagwardja kif proposti f'dan il-pjan, ir-rapporteur jipproponi li jiġi stabbilit terminu ta' tliet snin biex jinkiseb l-MSY, u b'hekk jiġu limitati l-impatti soċjoekonomiċi billi l-isforzi tas-settur jiġu maqsuma fuq diversi staġuni tas-sajd.

F'din l-istess perspettiva, ir-rapporteur jipproponi li tingħata l-possibbiltà lill-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti professjonijiet, f'każ li xi speċi tkun soġġetta għal projbizzjoni temporali tas-sajd (staġjonali jew annwali).

Dan l-approċċ diġà ġie implimentat mill-Kunsill għall-ispnott fl-iffissar tat-TACs u l-kwoti għall-2018<sup>1</sup>. Ir-Rapporteur iqis li dan huwa l-approċċ it-tajjeb, billi huwa flessibbli biżżejjed biex jikkunsidra l-professjonijiet ikkonċernati, u li għalhekk għandu jiġi inkorporat fil-pjanijiet pluriennali.

## Kunsiderazzjoni tas-sajd rikreattiv b'mod proporzjonat u ġust

Ir-rapporteur jemmen li l-ġestjoni tas-sajd rikreattiv hija essenzjalment kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, ir-rapporteur jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut li ħafna ċittadini tal-UE huma marbuta ma' din l-attività, u l-importanza soċjoekonomika ta' dan is-settur. F'każijiet fejn is-sajd rikreattiv jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-konservazzjoni ta' riżorsa, huwa jista' jkun ġestit fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, huwa importanti li jkun hemm trattament ġust meta mqabbla mas-sajd professjonali. Ir-rapporteur għalhekk iqis li dan il-pjan għandu wkoll jirregola l-kundizzjonijiet għall-ġestjoni tas-sajd rikreattiv, biex tiġi pprovduta prevedibbiltà għal dan is-settur.

Ir-rapporteur jappoġġa l-prinċipju stabbilit fil-pjan għall-Baħar tat-Tramuntana li jgħid li l-Kunsill jista' jadotta miżuri dwar is-sajd rikreattiv meta dan ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità ta' speċi. Dawn il-miżuri huma madankollu ġġustifikati u ġusti biss jekk jikkonċernaw stokk ġestit abbażi tal-MSY, u jekk dawn huma limitati għal miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill. L-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd rikreattiv għandu jsir fuq bażi individwali u b'mod mhux diskriminatorju. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi wkoll li dawn il-limiti individwali tal-qbid għandhom ikunu definiti għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas xahar. Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' "sajd rikreattiv falz" u ta' bejgħ illegali ta' ħut maqbud minn sajjieda bl-iskuża ta' sajd rikreattiv, ir-rapporteur jipproponi obbligu ta' immarkar immedjat ta' qabdiet ta' ċerti speċijiet (spnott, bakkaljaw, pollakkju u lingwata). Ir-rapporteur jixtieq ukoll li l-pjan jispeċifika b'mod ċar li l-obbligu ta' ħatt l-art ma għandux japplika għas-sajd rikreattiv.

---

<sup>1</sup> Ara l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jstabbilixxi għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

Tishiĥ tar-rwol tal-Parlament Ewropew fil-monitoraġġ tar-rabtiet bejn l-opinjoniġiet xjentifiċi u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill, u li jitħalla jeżerċita r-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur b'mod f'waqtu

Il-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku stabbilixxa approċċ pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-punti ta' referenza tal-mortalità (F) u ta' bijomassa (B) tal-istokkijiet. Dawn il-punti ta' referenza, kif ikkwantifikati mill-koleġiżlaturi fuq il-bażi tal-parir xjentifiku aġġornat b'mod regolari huma stabbiliti fir-regolament u għandhom jiġu aġġornati minnufih u b'mod regolari mill-koleġiżlaturi.

Minħabba din id-dinamika tal-pariri xjentifiċi, il-pjan għall-Baħar tat-Tramuntana għandu jistabbilixxi qafas ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Kunsill, direttament ikkundizzjonat mill-valuri tal-punti ta' referenza pprovduti fil-pariri xjentifiċi disponibbli (b'mod partikolari fuq l-aktar dejta reċenti). Dan ir-Regolament għall-Baħar tat-Tramuntana ma jinkludi l-ebda valur kwantitattiv ta' mortalità mis-sajd u tal-bijomassa tal-istokk. Dawn il-punti ta' referenza għandhom jiġu determinati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u, ġeneralment fuq bażi annwali, iservu direttament għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni pproponiet ġestjoni tas-sajd għall-Ilmijiet tal-Punent skont l-istess prinċipju bħal dak tal-Baħar tat-Tramuntana (u reviżjoni tal-pjan Baltiku bl-istess mod). Ir-rapporteur jaqbel li l-ġestjoni tas-sajd tkun ibbażata fuq l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli. Madankollu, jixtieq itejjeb l-opportunitajiet ta' sorveljanza ta' dan il-proċess mill-Parlament Ewropew, u li jiġi ppreservat ir-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur fil-qasam tal-ġestjoni pluriennali tas-sajd. Għal dan il-għan, huwa jipproponi:

- kontroll *ex post* regolari: il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-adeqwatezza bejn il-pariri xjentifiċi disponibbli u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill abbażi ta' dawn,
- informazzjoni *ex ante* f'każ ta' bidliet sinifikanti: il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-Kunsill, dwar is-sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal bidliet sostanzjali tal-opportunitajiet tas-sajd (differenza ta' aktar minn 20 % fit-TAC li tikkorrispondi għall-valur il-ġdid tal-FMSY),
- klawżola ta' skadenza wara seba' snin, tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ġestjoni bbażata direttament fuq il-pariri xjentifiċi dinamiċi sabiex il-leġiżlaturi jingħataw l-opportunità li jivvalutaw u fejn meħtieġ jemendaw dan il-mekkaniżmu meta jiddiskutu l-qafas ulterjuri għal din l-iskadenza.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, emenda tar-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008		
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	23.3.2018		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 16.4.2018		
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Alain Cadec 26.4.2018		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.4.2018	11.7.2018	29.8.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.10.2018		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	15 6 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Linnéa Engström, Sylvie Goddyn, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Ruža Tomašić		
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicola Caputo, Ole Christensen, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, Elisabetta Gardini, Anja Hazekamp, Francisco José Millán Mon, Nosheena Mobarik		
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Klaus Buchner, Tadeusz Zwiefka		
<b>Data tat-tressiq</b>	10.10.2018		



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>15</b>	<b>+</b>
ALDE	António Marinho e Pinto, Norica Nicolai
ECR	Nosheena Mobarik, Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić
EFDD	Rosa D'Amato
ENF	Sylvie Goddyn
PPE	Alain Cadec, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Giuseppe Ferrandino

<b>6</b>	<b>-</b>
GUE/NGL	Anja Hazekamp
PPE	Tadeusz Zwiefka
S&D	Ole Christensen, Ulrike Rodust
VERTS/ALE	Marco Affronte, Linnéa Engström

<b>1</b>	<b>0</b>
S&D	Ricardo Serrão Santos

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni